**A.L. 192 ta' l-2002**

## ATT DWAR HWEJJEĠ TA L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

### Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontaminanti fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Ikel, Mediċinali u l-Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, wara li kkonsulta ma' l-Awtorità Maltija dwar l-i*standards*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu fil-Qosor. L.N. 81 ta' l-2002

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontaminanti f-Ikel, 2002, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontaminanti fl-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija bħala "ir-regolamenti prinċipali".

Jemendaw l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali

**2.** Minflok il-kliem "Livell Massimu" fit-titolu tat-tieni kolonna tal-lista tal-punt 2 ta' l-iskeda tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "Livell Massimu µg/kg";